**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Ottubru 2022

Rikors Numru: 256/2017/1 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 272/1990)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut Damian Schembri ta' nhar id-29 ta' April 2022, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Marzu elf disgħa mija u disgħin (1990) mingħajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom il-*

[1] Fol. 2.

*komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiet bhala ir-regim matrimonjali li tirregola il-proprjeta' taghhom.*

2. *Illi matul iz-zwieg taghhom huma kellhom tlett it-tfal illum ilkoll maggorenni u jghixu ghal rashom.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu separate ghal diversi snin precisament mis-sena elfejn u sbatax (2017) fejn il-mara tghix fid-dar matrimonjali u l-esponenti jabita fi propjeta' mikrija.*

4. *Illi l-azzjoni odjerna ilha pendenti sa mis-sena elfejn u sbatax (2017) ghadha fl-istadju tal-provi attrici li lanqas biss ghadha xehdet jew ippresentat affidavit.*

5. *Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu b'dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament.*

6. *Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Aktar minn hekk, presenzjalment il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozjonalment, u ghalhekk il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu fatti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll, ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi had minnhom jista' talvolta jaghmel.*

7. *Illi ghalhekk l-attriċi ma hi ser issofri l-ebda pregudizzju, u definittivament mhux ser issofri minn xi pregudizzju sproporzjonat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

8. *Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tibqa' fis-seħħ.*

*Ghadaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a disposizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna illi s-sentenza hekk mgħotija tigi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan a disposizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitou 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iii. *Tiddikjara illi r-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-beni.*

*U dan that dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti joghġobha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attriċi.*

Rat id-digriet tal-Qorti datat it-2 ta' Mejju 2022, fejn ġiet ordnata n-notifika tal-atti lill-kontroparti bil-fakolta' li twieġeb permezz ta' risposta entro ħamest' (5) ijiem utli minn dakinhar tan-notifika;[2]

Rat ir-risposta ta-attriċi A B tal-31 ta' Mejju 2022, fejn ġie eċċepit:[3]

*L-attrici umilment tissottometti li t-talba tal-konvenut żewġha biex titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom għandha tiġi miċħuda f'dan l-istadju gax ikun ta' preġudizzju serju għaliha jekk it-talba tintlaqa'. Hija umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonsidra prinċipalment il-fatt li jekk tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet f'dan l-istadjutkun qed tagħmel inġustizzja kbira kontra l-attriċi. Dan għar-raġunijiet li ser tispjega hawn isfel:*

*L-attriċim kienet ilha taħdem bħala personal secretary to the Personal Manager ta' Selmun Palace Hotel għal erba' (4) snin qabel ma żżewġet fl-1990, u wara ż-żwieġ, għalkemm kellha lil D, l-ewwel tarbija, kompliet taħdem bħala personal secretary to chied administrator tal-Malta Tourism Authority għal erba' (4) snin oħra sa' Novembru tal-1994 peress li kienet tqila bit-tieni (2) tarbija E li twieldet f'Jannar tas-sena ta' wara. Minn hemm 'il quddiem, l-attriċi kellha tiddedika ħajjitha totament għall-konvenut żewġha C u għat-trobbija tat-tfal, u mbagħad, ħames (5) snin wara, kellhom it-tielet tarbija F.*

*Il-konvenut kien jaħdem bħala accounts clerk u wara li twieldet it-tieni tarbija E fl-1995, u għalhekk l-attriċi waqfet mix-xogħol, huwa beda jistudja għall-ACCA privatament mid-dar. Fl-1995 laħaq accounts manager. Hua dam ħdax-il (11) sena jistudja waqt li baqa' għaddej jaħdem Matul dawn is-snin l-attriċi tagħtu is-support kollu li kellu bżonn u ħadmet bħala mara tad-dar full time. Kienet tieħu ħsieb it-trobbija tat-tlett itfal tagħhom kollha hi kważi waħedha minħabba li żewġha kellu bżonn ħafna ħin fil-kwiet biex jistudja. Il-konvenut baqa' imur għall-aħjar fix-xogħol tiegħu u javvanza dejjem aktar tant li wara li ggradwa fl-2006, laħaq Financial Controller mal-*

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 6.

*Virtu Ferries Ltd f'Marzu 2007. Ghalhekk ilu'din il-kariga għal dsatax-il (19) sena u dejjem kelu dħul sostanzjali mill-professjoni u impjieg tiegħu. Fl-2017 beda jiddikjara paga ta' €59,252.00 fis-sena apparti l-perks kollha ta' karozza mikrija, computer u mobile u petrol.*

*B'kollox l-attriċi ilha wieqfa mix-xogħol barra mid-dar għal tnejn u għoxrin (22) sena u għaldaqstant l-earning capacity taghha, kemm minħabba l-eta' tagħha ta' sitta u ħamsin (56) sena u kemm minħabba li kienet ilha nieqsa mid-dinja tax-xogħol, hija ferm u ferm anqas minn dik ta' żewġha, tant hu hekk li taqla' biss paga minima ta' erbatax-il elf euro (€14,000) fis-sena. Għalhekk ir-raġel jaqla' €45,252 fis-sena aktar minn martu.*

*Għandu jingħad u jittieħed in konsiderazjoni l-fatt li żewġha l-konvenut laħaq fejn laħaq bl-appoġġ u bis-sagrifiċċji ta' martu l-attriċi, u jekk titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti issa l-attriċi: 1) sejra titlef sehemha mill-qligħ li hi għenet biex jista' jinkiseb, 2) waqt li hija tilfet il-karriera tagħha u l-kapaċita' tagħha li tagħmel qligħ paragonabbli biex żewġha seta' laħaq fejn laħaq u biex rabbietlu lil uliedu.*

*Din tkun inġustizzja kbira mal-attriċi, aktar u aktar meta tqis illi wara kollox kien żewġha li kiesaħ u biered telaq il-familja u farfar ir-responsabbilita' kollha tal-familja fuq spallietha. Difatti, wara li l-konvenut għażel li jabbanduna l-familja, l-attriċi kompliet tagħmel ħilietha biex tkompli żżomm il-familja magħquda u toħloq ambjent tajjeb fid-dar biex it-tfal ikomplu jistudjaw u jħossuhom stabbli u akkuditi fid-dar ma' ommhom biex b'hekk felħu jkomplu bil-ħajja u l-istudji tagħhom allavolja ħadu daqqa ta' ħarta kbira minħabba l-aġir ta missierhom.*

*Fil-fatt it-tifel il-kbir tal-partijiet, D, ġab il-Masters Degree mill-Universita' ta' Malta u llum huwa senior podologist u ser ikompli jistudja, tant li, qiegħed jipprepara biex jagħmel il-Ph.D. It-tieni tifla E laħqet tabiba u qiegħda tispeċċjalizza fil-qasam mediku, waqt li F (ta' 22 sena) ġabet Masters fil-Biochemistry u qiegħda tagħmel il-Ph.D. FIN-Neuro Science fil-Ġermanja. Meta telaq missierhom mid-dar D kien għadu fnofs il-Masters, E kienet għadha fir-raba' sena tal-Mediċina, u F kienet fit-tieni sena tas-Sixth Form. Kienet l-attriċi li kellha tibqa' tissapportjahom b'kull mod waqt li kellha terġa' toħroġ taħdem b'paga minima. Ma hux ġust li issa tiġi ippenalizzata għax iffukat ħajjitha għal ġid u avvaz ta' żewġha (kif tagħmel mara sinċiera li tħobb u tirrispetta lil żewġha) u ħadet ħsieb il-familja u trabbi t-tfal fl-għożża u l-imħabba li tagħtihom l-istabbilita' emozzjonali biex jirnexxu f'kull ma jagħmlu fil-ħajja.*

*Hija terġa tagħmel emfasi fuq il-fatt li kemm żewġha u kemm it-tlett itfal tagħha setgħu jirnexxu b'dan il-mod għaliex l-esponenti iddedikat ruħha totalment għalihom u għall-familja, b'sagrifiċċju għall-potenzjal li kellha biex tagħmel karriera għaliha nnifisha.*

*L-attriċi tissottonetti umlment li l-achievement ta' xogħol stabbli bi orifessjoni ta' Financial Controller ma' kumpanija stabbli u magħrufa u dejjem tespandi, kien dovut u huwa riżultat mhux biss tal-istudju u s-sagrifiċċju tal-konvenut Damian Schembri waħdu, imma wkoll u seta' jsir biss bil-ħidma bla waqfien u s-support kontinwu ta' ħadd aktar mill-attriċi, li barra li tatu s-support kollu biex laħaq fejn laħaq, rabbiet familja ta' tlett itfal u bis-saħħa tad-dedikazzjoni totali tagħha it-tfal kollha irnexxew.*

*Għaldaqstant il-frott kollu li ġie ġġenerat u li għad irid jiġi iġġenerat mill-attivitajiet finanzjarji u professjonali tal-konvenut huma kollha dovuti ugwalment għall-ħidma u support tal-attriċi martu għal sitta u għaxrin (26) sena u għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Dan għamlitu għall-imħabba tiegħu u ta' uliedhom u ma jiddispjacihiex. Imma issa ma jistax il-konvenut jippretendi li jitlaq u jissepara u jxolji l-komunjoni tal-akkwisti minn issa meta l-introjtu sostanzjali tiegħu huwa dovut ukoll u ugwalment għall-kontribut siewi ta' martu.*

*Għalkemm dak miġjub fuq huwa r-raġuni ewlenija għala l-attriċi topponi għat-talba tal-konvenut, l-attriċi sejra xorta twieeb għall-argumenti li ġab il-konvenut u ser iżżomm l-istess titoli sabiex ikun hemm uniformita'.*

*Tweġiba għall-argumenti tal-introduzzjoni fir-rikors tal-konvenut*

*Fit-tieni (2) paragrafu tar-rikors tiegħu il-konvenut jiddikjara li t-tlett itfal tagħhom illum huma iloll maġġorenni u jgħixu għal rashom.*

*Dan ma hux minnu għal kollox. Huwa it-tifel il-kbir li telaq mid-dar fl-14 ta' Mejju 2022. Imma ż-żewġt ibniet, Andrea (27) u Amber (22), għadhom jgħixu ma' l-attriċi.*

*Fit-tielet (3) paragrafu iddikjara li qiegħed jabita fi proprjeta' mikrija. L-attriċi tirrileva l-fatt li huwa dejjem irrifjuta li jagħti l-indirizz tiegħu għaliex jew qiegħed jgħix ma' missieru jew mal-partner li għandu. Meta ġie inġunt, huwa esebixxa kuntratti bid-dettalji tas-sid u tal-indirizz maqtugħin. Diffiċli li l-konvenut jiġi emmnut meta matul il-kawża irriżulta kemm ilu jaħbi flus minn martu.*

*Fir-raba (4) paragrafu tar-rikors il-konvenut isemmi li "l-kawza bdiet fl-2017 u li għadha fl-istadju tal-provi tal-attriċi u lanqas biss ma xehdet hi jew ippreżentat affidavit". Irid bħal donnu jakkuża lill-attriċi li qed iddewwem il-proċeduri waqt li hu*

*qiegħed jistenna u jsofri d-danni u b'hekk irid jiġġustifika it-talba tiegħu għal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Naqas li jgħid li l-kawża infetħet meta l-konvenut kien qabad u qata' l-manteniment fl-istadju tal-medjazzjoni u l-attriċi skopriet li kien żvojta il-joint accounts. Hija kellha tieħu azzjoni biex tipproteġi ruħha u għamlet sekwestru. Minn hemm kellha bilfors tiftaħ il-kawża speċjalment meta il-konvenut qalilha li l-flus kollha li kien hemm fil-joint accounts kienu ta' ommu u mhux tal-komunjoni. Wara skopriet li kellu hafna flus f'accounts fuq ismu biss li hija qatt ma kienet taf bihom.*

*Swar l-allegat dewmien, l-attriċi umilment tiġbed l-attenzjoni għal fatt li hija dejjem attendiet għas-seduti quddiem din l-Onorabbli Qorti u quddiem l-assistenta ġudizzjarju, u dejjem ġħarrket xhieda kull seduta li ngħatat. Jekk tħassru xi seduti, ċertament li ma kienx minħabba xi nuqqas tagħha. Ċertament ma hux it-tort tagħha li għaddew erba' (4) snin. Ma tistax tiġi ippenalizzata minħabba l-mod ta' kif timxi s-sistema'.*

*L-attriċi tirrileva illi għalkemm il-kawża infetħet fit-23 ta' Novembru 2017, din ġiet appuntata għas-smigħ fis-7 ta' Frar 2018. L-ewwel seduta quddiem l-assistenta ġudizzjarja saret fid-29 ta' Mejju 2018, u t-tieni seduta ingħatat sitt (6) xhur wara fit-28 ta' Novembru 2018 u tħassret minħabba li l-avukati inqabdu f'kawżi oħra. Effettivament it-tieni seduta saret fil-15 ta' Frar 2019. Dik is-sena ingħata seduta oħra f'April, f'Ġunju, f'Lulju u f'Novembru. Fl-2020 ingħatat żewġ seduti fi Frar u f'Novembru. Fl-2021 ingħatat żewġ (2) seduti li r-recordings tagħhom tħassru u għalhekk kellhom jerġgħu isiru; ċertament mhux it-tort tagħha. Fl-2022 ingħatat tliet (3) seduti. B'kollox kellha ħmistax-il (15) seduta ta' nofs siegħa (tnejn minnhom recordings mitlufa) u hija dejjem ħarrket ix-xhieda.*

*Affidavits ippreżentat ukoll u tagħha ma setgħetx tiffinalizzah għax kull darba kien ikollha tirrikorri l-Qorti għal kull ħaġa u fil-fatt kien hemm ħafna rikorsi u risposti fl-atti. L-affidavits li fadal ser tippreżentahom dalwaqt għax issa waslet fl-aħħar tal-provi tagħha. Għaldaqstant l-attriċi ma għandhiex tiġi ippenalizzata minħabba l-element taż-żmien ladarba hija dejjem ikooperat u dejjem attendiet għas-seduti quddiem din l-Onorabbli Qorti li b'kollox kellha madwar għaxrin 920) seduta li normalment ikunu biss ta' amministrazzoni.*

*Fil-5 u s-6 paragrafu il-konvenut jargumenta li ormai il-partijiet ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament u li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taż-żewġ partijiet! Il-waqfien huwa biss fl-interess tiegħu u tiegħu biss għax hu jaqla' ħafna aktar minnha. L-attriċi spiċċat abbandunata u akkużata li baqgħet tgħix fid-dar matrimonjali meta hu "miskin" kellu jmur jikri. Naturalment ma iddikjarax li jaqla'*

*€59,252.00 – it-triplu tagħha u ma ammettiex li jekk iħallas il-kera li iddikjara li jħallas, xorta jkun qed jibqgħalu circa €42,000 fis-sena aktar minnha – apparti I l-ispejjeż huma kollha koperti mill-kumpanija li jaħdem magħha u għalhekk jibqgħalu ħafna aktar minn hekk f'idejh. Il-qliegħ li jbqa' huwa tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk ma jaqbillux u jrid iwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti malajr kemm jista' jkun.*

*L-€14,000 li taqla' hi fis-sena xrta trid tgħix hi u t-tfal tagħha, tħallas il-kontijiet tal-utilitajiet kollha tad-dar u tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-tfal tas-saħħa u edukazzjoni tagħhom għax il-konvenut dejjem oġġezzjona li jħallas għalihom. Allavolja t-tfal il-kbar saru maġġorenni, xorta baqgħu d-dar u hi baqgħet issajrilhom u tmantnihom.*

*Il-konvenut ma għandu l-ebda xkiel u toqol xi jġorr. Dak li jaqla' llum huwa l-frott tal-ħidma u s-sagrifċċju tal-attriċi ukoll u għalhekk għandha tingħata ċans li tgawdi minnu hu ukoll sa ma tinqata' s-sentenza finali.*

*Issa jrid jaqta' malajr biex ifittex jixtri proprjeta' għalih biex imur jgħix fiha mal-mara li għandu llum. Din id-dar ser jixtriha issa, jekk il-waqfien jiġi awtorizzat illum, bil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti cioe' bil-flus tal-attriċi li ilu jġemma' mill-paga tiegħu. Huwa fl-interess tiegħu u tiegħu biss, u mhux taż-żewġ partijiet, li jiehu l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti minn issa.*

*Għandu jingħad ukoll li l-attriċi għexet ħajja miżżewwġa b'ekonomija kbira minħabba l-fatt li l-konvenut kien iżomm kontroll strett fuq kull ma tonfoq u kien ikun irid bilfors li hija tikteb x'tixtri u x'tonfoq mill-cash li kien jagħtiha u kien ikun irid ikun jaf xi xtrat bil-VISA card. Kien control freak u l-attriċi kienet tħossha issikkata u mdejqa minħabba f'dan in-nuqqas ta' fiduċja. Kien jittrattaha ta' tifla u mhux ta' martu.*

*Ma hux minnu li huwa fl-interess ta' tnejn "għaliex jitnaqqas l-iskop tad-diżgwid ta' bejniethom". L-uniku diżgwid li fil-fatt hemm huwa biss dwar il-flus li hu jallega li ma humiex tal-komunjoni.*

*L-argument tant ħelu f'paragrafu 6 li huwa "fl-interess tat-tnejn għaliex il-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment" jikxef il-fatti dwar il-konvenut. Fil-verita', il-konvenut ilu jgħix indipendenti minn martu w uliedu gal ħafna snin qabel ma telaq mid-dar għax ħbielha kollox dwar il-ħajja tiegħu u dwar il-finanzi. Ammetta li hu kien ilu li jrid iwaqqaf iz-zwieg minn għaxar (10) snin qabel. Fil-fatt l-accounts kollha tal-bank jixhdu għall-fatt li beda jġemma; l-flus kollha gal rasu minn ħafna snin qabel. Kien ilu jaħseb għal rasu u kien ilu jppjana imma kien ilu wkoll iċaħħad lil martu minn dak li hu tagħha.*

*Dwar l-indipendenzza emozzjonali, din kienet tgħodd esklussivament għalih minn ħafna snin qabel għaliex martu qat ma urieha bl-intenzjonijiet vera tiegħu. Meta qabad u telaq u ħalla lil martu u lil uliedu taħt xokk kbir għaliex ma setgħax jifhmu x'kien ġara u għaliex ma inkwieta xejn għaihom u għall-effetti ta' trawa li ħalla fuqhom kollha. Kellu ħobżu maħbuż gax flusu kollha f'idejh u kull ma ġemma' kienu fuq ismu u seraq kull ma kien hemm fil-joint accunts – għax dawk kollha tiegħu, skont hu. Milli jidher ilu indipendenti emozzjonalment għax ilu għaddej b'relazzjoni oħra.*

*Ried jibda ħajja ġdida u ħeles mill-mara u mit-tfal. Il-manteniment kull darba jara if jagħmel biex iwaqqafulha. Anke lit-tfal inqata' minn magħhom u għandu l-wiċċ jakkuża li hija martu li begħditu minnhom. Għalhekk huwa fl-interess tiegħu u mhux ta' martu li jitwaqqaf kollox minn issa.*

*Il-fatt li jagħti manteniment ta' €300 lill-attriċi żgur mhux ser jikkumpensa u jagħmel tajjeb għad-diskrepanza tant kbira tal-qliegħ tal-partijiet. Ma jistax jistrieħ fuq l-allegazzjoni gratuwita tiegħu li mhux ser issofri minn xi preġudizzju sproporzjonat. L-attriċi uriet biċ-ċar li hija ser isofri preġudizzju. Illum hija għandha sitta u ħamsin (56) sena u bl-ebda mod ma qatt tista' tavvanza fil-paga u fix-xogħol tagħha, waqt li żewġha li studja għal ħdax-il sena matul iż-żwieġ, illum għandu paga ta' Financial Controller. Ma hemmx paragun bejniethom u ma jistax jiġi innegat il-preġudizzju li ser tbati minnu l-attriċi.*

*Għalhekk hemm raġuni validissima għalfejn m'għandhiex tiġi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti minn issa. L-attriċi għandha kull interess li tħaffef il-proċeduri biex tieħu d-drittijiet tagħha u tkompli b'ħajjitha wara li ġiet użata u abbandunata minn żewġha. Jonqosha biss ftit seduti, tippreżenta l-affidavits li fadal u tkun tista' tagħlaq.*

*L-esponenti għalhekk tissottometti bir-rispett illi t-talba ta' Damian Schembri biex tinħall u tintemm il-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[4]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

[4] Fol. 7.

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut C B sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, hekk kif jikkontendi li l-partijiet *"ilhom jghixu separate ghal diversi snin preċisament mis-sena elfejn u sbatax (2017) fejn il-mara tgħix fid-dar matrimonjali u l-esponenti jabita fi propjeta' mikrija. (...) 5) Illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu b'dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament".* Jisħaq ukoll illi bit-terminazzjoni kif mitluba, mhux ser jinħoloq preġudizzju sproporzjonat għall-attriċi.

Min-naħa l-oħra, l-attriċi toġġezzjona għal din it-talba fejn in sinteżi tgħid illi r-raġuni ewlenija għall-opposizzjoni tagħha hija dik li *"il-frott kollu li ġie ġġenerat u li għad irid jiġi iġġenerat mill-attivitajiet finanzjarji u professjonali tal-konvenut huma kollha dovuti ugwalment għall-ħidma u support tal-attriċi martu għal sitta u għoxrin (26) sena u għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Dan għamlitu għall-imħabba tiegħu u ta' uliedhom u ma jiddispjaċihiex. Imma issa ma jistax il-konvenut jippretendi li jitlaq u jissepara u jxolji l-komunjoni tal-akkwisti minn issa meta l-introjtu sostanzjali tiegħu huwa dovut ukoll u ugwalment għall-kontribut sieqi ta' martu".*

**2. Prinċipji Legali:**

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[5] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[6] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[7] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-ilmenti tal-attriċi huma tneJn u ċjoe':

i. Hemm disparita' konsiderevoli bejn l-introjtu tagħha u tal-konvenut, u

ii. Il-frott kollu iġġenerat u li għad irid jiġi iġġenerat mill-attivitajiet finanzjarji u professjonali tal-konvenut huma dovuti ugwalment għall-ħidma u s-sapport tagħha għal 26 sena matul liema żmien ddedikat ħajjitha għal żewġha u għat-trobbija t'uliedha, fejn pprovdiet is-sapport kollu tagħha sabiex żewġha ikun jista' jkompli jistudja u javvanza fil-karriera tiegħu bl-intiża li jsib xogħol stabbli b'paga aħjar, bil-konsegwenza li hi tilfet il-karriera tagħha kif ukoll il-potenzjal tagħha li tiġġenera introjtu ikbar.

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

Għaldaqstant fil-fehma tal-attriċi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju hija tarah bħala kastig fuqha minkejja s-sagrifiċċji tagħha, li mhux biss ser iġibilha preġudizzju, iżda wkoll preġudizzju inġust. Għal kull buon fini, il-Qorti ser tikkonsidra ż-żewġ ilmenti flimkien għaliex fil-fehma tagħha huma korrelatati ma' xulxin.

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirrileva illi fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-attriċi fejn si tratta l-irwol tagħha fiż-żwieġ, is-sapport tagħha lejn żewġha sabiex jistudja, jilħaq u jsib xogħol stabbli b'paga tajba, u s-sagrifiċċju li ċċaħdet mill-karriera tagħha sabiex tkun hemm għat-trobbija ta' uliedha u għal familja in ġenerali, filwaqt li tali oġġezzjoni jista' jkollha relevanza kbira f'dak li jirrigwarda r-responsabbilita' tat-tkissir taż-żwieġ, il-manteniment dovut għaliha nnifisha u kif ukoll kumpens għal kontribut tagħha fiż-zwieġ u l-familja matul is-snin, hija madanakollu għal kollox irrelevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant din il-Qorti mhux ser tkompli telabora fuq l-istess, u dan kif ukoll hija għamlet fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Grixti vs. Ivan Grixti**.[8]

Konsegwentament u fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment tal-attriċi illi f'każ li t-talba kif dedotta tiġi akkolta l-konvenut ser ikun jista' jgawdi waħdu il-frott tal-ħidma tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-attriċi ma jikkostitwixix preġudizzju mhux proporzjonat. Huwa minnu illi l-attriċi ma jkollhiex sehem minn dak li ser jaqla' r-rikorrenti f'każ li sseħħ it-terminazzjoni tal-komunjoni ta' bejn il-partijiet, u għaldaqstant ikun iktar vantaġġuż għaliha li l-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti naturalment sabiex tibqa' tgawdi l-frott tal-ħidma tar-rikorrent għal durata itwal. Madanakollu fil-fehma tal-Qorti, li parti f'separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-ħidma jew tal-assi li jappartjenu lill-parti l-oħra m'hijiex preġudizzju iżda konsegwenza naturali tal-firda.[9]

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**,[10] fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex*

[8] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar l-10 ta' Jannar 2019, Rikors Numru 125/2018/2 AL.
[9] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Mary Ellul vs. Nicholas Ellul**, deċiża fil-21 ta' Novembru 2018, Rikors Numru 129/2016/1AL.
[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.

*jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;14 Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut. M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*

Dan l-insenjament kompla biex ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell, fejn kompliet iżżid illi:

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[11]

Fil-każ odjern jirriżulta li l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin għal madwar ħames snin, liema perjodu ma jistgħax jiġi definit bħala perjodu qasir. Barra minn hekk il-Qorti ma tistgħax tinjora l-fattispeċji tal-każ li għandha quddiemha u n-nuqqas ta' possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija riċentament mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Carmen Grixti vs Ivan Grixti**,[12] fejn ġie kkonfermat illi *"kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha".*

Stabbilit il-premess, il-Qorti ma tarax illi għalhekk l-oġġezzjoni tal-attriċi hija valida u l-preġudizzju vvantat minnha huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirribadixxi l-insenjament kif elenkat fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Magħdud

[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.
[12] Deċiża nhar l-14 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell.

ma' dan u fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[13] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja miżżewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, u ma jidhirx li hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx u l-attriċi intavolat l-azzjoni odjerna. Minkejja li l-attriċi għandha introjtu inqas minn dak tal-konvenut, dan ma għandux ifisser illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tabilfors tibqa' fis-seħħ, jew li jekk jitwaqqaf dan ir-reġim hija ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat. Barra minn hekk mill-atti s'issa irriżulta li ma hemmx dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, u fir-rigward ta' kull dubju li għandha l-attriċi dwar flus li ħeba jew kellu fuq ismu l-konvenut, il-Qorti ttenni l-prinċipju li dejjem[14] ħaddnet u ċjoe' illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-likwidazzjoni u l-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tfakkar illi "*s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi talkommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghallpassat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Ilpartijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien".*[15]

Għalhekk tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbażi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ħadd mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk

[13] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.
[14] *Vide* f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Philip Caruana vs. Gemma Caruana** (Rikors 207/17/1AL) deċiża fis-16 ta' Mejju 2018 u **Michelle Gaffiero vs. Jesmond Gaffiero** (Rikors 223/17/1AL) deċiża fis-7 ta' Marzu 2018;
[15] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-attriċi, u tgħaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tielet talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.